KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 – IT-TNEJN 3 TA' AWWISSU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 28.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

28.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija minn Kunsillier biex jiġi skużat mis-seduta. *Nem con*.

## 28.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

28.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (28) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

28.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 28.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

28.3.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li fil-jiem li jiem li għaddew, ir-residenti tal-Iklin għaddew minn inkonvenjent kbir bil-qtugħ fil-provvista tad-dawl bħal ħafna lokalitajiet oħra madwar Malta u Għawdex. Jittama li dawn is-sitwazzjonijiet ma jibqgħux jirrepetu ruħhom għaliex qed timpatta b'mod negattiv il-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna, b'temperaturi għoljin li tagħmilha diffiċli għal kulħadd b'mod speċjali għal persuni vulnerabbli. Ikkonkluda li nnota li f'ċertu żoni residenzjali nġiebu generators bħala soluzzjoni temporanja. Sintendi, il-Kunsill m'għandux responsabbiltà diretta fuq din il-kriżi li sfortunatament laqtet ukoll lill-komunità tal-Iklin.

28.3.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill ikkordina l-loġistika kollha meħtieġa għall-Festa tas-Salvatur 2026 u awgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

28.3.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien attenda għal Press Conference dwar noise pollution iġġenerata minn stabbilimenti fil-viċinanzi li qed iħalli impatt negattiv fuq l-ambjent u r-residenti tal-lokalitajiet differenti fejn għaliha attendiet il-Kunsillier Mary Grace Gusman.

Il-Kunsillier Gusman tat briefing dwar dak li ġie diskuss waqt il-Press Conference.

28.3.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien talab laqgħa ma' Transport Malta dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Alfons Maria Galea peress li għad hemm ilment pendenti dwar il-marki taż-żebgħa fl-imsemmija triq.

## 28.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

28.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-13 u t-30 ta' Lulju 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (13 July - 30 July 2026)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 175 | 13/07/2026 | Karkass ta' ħamiema mejta quddiem 12 Triq G Calleja taħt bankina | pending | 12 Triq G Calleja | **Cleansing** |
| 176 | 16/07/2026 | Resident minn Triq San Mikiel ilmenta li l-ħaxix ma' nqatax kollu | settled | Triq San Mikiel | **Cleansing** |
| 177 | 17/07/2026 | Diversi lmenti dwar il-ġbir tal-organic għax damu ma ġabruh | pending | various | **Waste collection** |
| 178 | 17/07/2026 | Nuisance minn residenza privata fi Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil | **Community Police** |
| 179 | 20/07/2026 | Iz-Zebra Crossing ta' Triq il-Wied ta' nofs it-triq, ilha nstallata minn Jannar u qatt ma' xegħlet | pending | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 180 | 22/07/2026 | Hemm cable tal-GO mixħut fuq il-bankina fi Pjazza Ninu Cremona fis-soft area li tmiss mas-service road | pending | Pjazza Ninu Cremona | **GO** |
| 181 | 23/07/2026 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. L039/28 fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 182 | 23/07/2026 | Cables imdendlin fil-gallarija fi Triq Ġwann Mamo | pending | Triq Ġwann Mamo | **Enemalta/GO/ Melita** |
| 183 | 23/07/2026 | Din ir-residenta trid li titneħħa t-tabella tal-MC li twaħħlet fi Triq R Taylor | pending | Triq R Taylor | **Council** |
| 184 | 23/07/2026 | Rapport li textile street bin ta' ħdejn il-ħwienet fi Pjazza Ninu Cremona huwa mimli u qed jitfgħu mal-art ukoll. Tista tkun ta' periklu għal terzi. | closed | Pjazza Ninu Cremona | **Refab** |
| 185 | 27/07/2026 | Residenta qed tirraporta li l-ġara qed titfa qxur tal-ħaxix fil-ġnien tagħha | closed | Triq May Butcher | **Police** |
| 186 | 27/07/2026 | Ilment dwar tneħħija ta' parking bay minn Triq Richard Taylor | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 187 | 29/07/2026 | Hemm 2 bozoz maqtugħa nri. L040/28 u L041/28 fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 188 | 29/07/2026 | Ġrieden fi Triq il-Ħwawar nru. 1 | pending | Triq il-Ħwawar | **Health** |
| 189 | 29/07/2026 | Talba għal sleeping policeman fi Triq Ċensu Bugeja għaliex il-vetturi qed jgħaddu bi speed u qed issibha diffiċli toħroġ mill-garaxx | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 190 | 29/07/2026 | Talba għal double yellow line quddiem id-dar tiegħu li tiġi bejn 2 garages. Meta tipparkja vettura qed tostakola parti mill-garaxx fi Triq GM Azzopardi | settled | Triq Ġ.M. Azzopardi | **Council** |
| 191 | 29/07/2026 | Pjanċa tal-ħadid qegħda ta' periklu għal min jgħaddi minn fuqha fi Triq K Vassallo c/w Triq PM Vella | closed | Triq K Vassallo | **Infrastructure Malta** |
| 192 | 30/07/2026 | Dan ir-resident qed jitlob li jsiru l-linji s-sofor quddiem il-garaxxijiet fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **Council** |

## 28.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

28.5.1 Ma kienx hemm.

## 28.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

28.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

28.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, u Mary Grace Gusman.

(Doc. D anness)

Dawn il-pagamenti ġew approvati waqt is-seduta tal-Kunsill.

## 28.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

28.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

28.7.2 Applikazzjoni PC/00054/17 - Rationalisation Site B - Iklin - 3 floors + Semi - basement (17.5m) Residential Development Including New Road. Site B, Triq Karmenu Vassallo, Triq Patri Marjanu Vella & Triq Anton Manuel Caruana, Iklin

Is-Sindku Dott Sciberras informa li d-Direttorat tal-Ippjanar qed jirrakkomanda rifjut għal numru ta' raġunijiet.

Il-każ kellu jinstema nhar it-28 ta' Lulju iżda s-smiegħ ġie differit għal data oħra.

Id-data (id-deċiżjoni) il-ġdida għal din l-applikazzjoni hija l-15 ta' Settembru 2026.

28.7.3 Applikazzjoni PA/06368/25 - 37, Triq Geronimo Abos, Iklin - *Change of use from existing terrace house to Class 4C and Class 2A, and the construction of two overlying Apartments.*

## 28.8 AĠĠORNAMENT DWAR IR-RINNOVAR TAS-SALA TAL-KUNSILL

28.8.l Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienu nġiebu kwotazzjonijiet għal numru ta' xogħlijiet u servizzi.

Informa li x-xogħol li sar mill-ħaddiema tad-Direttorat wasal fit-tmiem u stqarr li għamlu xogħol tajjeb ħafna. Is-Sindku ħa l-opportunità biex jirringrazzja pubblikament lis-sinjura Marisa Pisani tad-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy għal kwalità tax-xogħol li sar mill-ħaddiema taħt id-direzzjoni tagħha.

Informa li ġew stallati l-Acs biex is-Sala tkun attrezzata u nġiebu xi preventivi għal kitchenette biex is-Sala tkun mgħammra b'kollox.

Imbagħad stieden lill-Kunsillieri biex issir site-visit wara s-seduta biex il-Kunsillieri jsegwu l-progress tax-xogħol li sar matul dawn l-aħħar xhur fis-Sala tal-Kunsill.

## 28.9 KOMUNIKAZZJONI URĠENTI DWAR IS-SERVIZZ TAL-ĠABRA TAT-TESSUTI MIL-LOKALITÀ

28.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mis-service provider li jipprovdi l-ġabra ta' ħwejjeġ użati mill-lokalità tal-Iklin li kien ser jissospendi s-servizz minħabba numru ta' raġunijiet kif jidher hawn taħt.

*Dan wassal lill-kumpanija biex twettaq is-servizz, f'perjodi differenti u f'żoni ġeografiċi speċifiċi (partikolarment il-gżira ta' Għawdex), f'kundizzjonijiet ta' telf finanzjarju ċar, filwaqt li assorbiet l-ispejjeż tal-ġestjoni internament biss biex tevita li l-komunitajiet lokali jiġu mċaħħda minn servizz essenzjali.*

*Fil-kuntest regolatorju u l-obbligi mandatorji (EU & l-liġi Maltija) huwa kruċjali li jiġi enfasizzat li l-ġestjoni tal-iskart tat-tessuti mhijiex prattika marbuta ma' sempliċi sensittività ekoloġika lokali. Minflok, din tirrispondi għal obbligi legali internazzjonali u nazzjonali.*

*Directive (EU) 2018/851: Emenda għal Direttiva dwar l-Iskart (2008/98/KE), li timponi obbligu mandatorju fuq l-Istati Membri kollha tal-UE biex jistabbilixxu ġbir separat għat-tessuti sal-1 ta' Jannar 2025. Is-sistema Legali Maltija (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.63 - Regolamenti dwar l-Iskart imwaqqfa taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali, tittrasponi bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-UE. Din tassenja lill-istituzzjonijiet lokali u lill-awtoritajiet ambjentali r-responsabbiltà li jiggarantixxu kanali adegwati u konformi għar-rimi u r-riċiklaġġ tat-tessuti.*

*Kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet operattivi tagħna tesponi immedjatament lill-pajjiż u lill-amministrazzjonijiet lokali individwali għal ksur regolatorju dirett bir-riskju li l-Kummissjoni Ewropea tniedi proċeduri ta' ksur tal-UE.*

*Fil-kuntest tal-kriżi tas-Suq globali, minkejja r-relevanza pubblika tas-servizz deskritt, il-mudell operazzjonali attwali laħaq punt ta' kollass finanzjarju li ma jistgħux jibqgħu jinżammu esklussivament mill-operatur privat. Din is-sitwazzjoni hija xprunata mill-konverġenza ta' żewġ fatturi negattivi kritiċi:*

*il-kollass tas-suq internazzjonali tat-tessuti użati u l-ispejjeż loġistiċi speċifiċi u l-insularità.*

*Proprju minħabba dawn il-fatturi, dan ser iwassal għal riskju ta' sospensjoni jew prestazzjoni irregolari u mhux kontinwa tas-servizz tal-ġbir. Konsegwentement, dan ser iwassal biex jitneħħew il-kontenituri mit-toroq tal-lokal li huma għas-servizz tar-residenti f'din il-lokalità.*

*Is-soluzzjonijiet futuri huwa li jsir ristrutturar u titjib tal-attivitajiet tal-ġestjoni tat-tessuti fit-territorju, bl-introduzzjoni ta' proċessi avvanzati ta' trattament u valorizzazzjoni għal frazzjonijiet li ma jistgħux jibqgħu jerġgħu jintużaw bħala skart ta' ħwejjeġ, u b'hekk Malta tiddaħħal fiċ-ċiklu avvanzat tal-ekonomija ċirkolari industrijali.*

*Sabiex nipprevjenu interruzzjoni fis-servizz li tikkawża ħsara ambjentali u reputazzjonali severa lis-sistema tal-pajjiż Malti kollu kemm hu, nikkonfermaw ir-rieda sħiħa tagħna li nikkooperaw mal-Ministeru għall-Ambjent, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, u l-Kunsill Reġjonali.*

*Il-komunikat jikkonkludi li qed jitolbu formalment u b'urġenza li tissejjaħ Tabella Teknika Istituzzjonali biex teżamina d-data operattiva tal-ġbir, tistruttura sussidju temporanju jew mekkaniżmu ta' integrazzjoni tal-ispejjeż, u fl-istess ħin, tippreżenta l-linji gwida tal-pjan industrijali ġdid u innovattiv li Refab LightBlue Ltd hi lesta li timplimenta għall-benefiċċju tal-komunità Maltija kollha.*

28.9.2 Wara diskussjoni wiesgħa dwar din il-materja, il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li l-Kunsill m'għandux allokazzjoni finanzjarja ddisinjata għal dan is-servizz u ġaladarba l-kuntrattur ma jistax ikompli bl-operat tiegħu minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, kien deċiż li niktbu uffiċċjalment lil Refab LightBlue Limited biex filwaqt li nirringrazzjaw lill-kumpannija għas-servizz essenzjali li ngħata f'dawn l-aħħar snin, kontra l-istess xewqa tal-Kunsill ineħħi l-istreet *bins* b'effett immedjat biex ma jkunux ta' periklu għal terzi proprjetà.

## 28.10 ŻVILUPPI DWAR IL-PROĠETT TA' WESGĦA J.B. SCICLUNA

28.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li x-xogħol fuq l-istatwa tal-Madonna li tħoll l-Għoqiedi tal-ħajja miexi b'ritmu tajjeb.

Fil-fatt, is-Sindku ppreżenta xi ritratti meħuda mill-artist Joseph Micallef bil-progress tax-xogħol għas-sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti.

Żied jgħid ukoll li l-Kunsill irid jibda jippjana dwar it-tisbiħ li jrid isir f'Wesgħa J.B. Scicluna proprju fejn ser jitiqiegħed il-pedestal bl-istatwa l-ġdida. Ser jibdew diskussjonijiet mall-Ministeru konċernat biex naraw jekk il-Kunsill jistax japplika għall-fondi taħt il-*framework agreement* tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex isir it-titjib u t-tisbiħ tas-*soft landscaping* eżistenti.

Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar li x-Xogħlijiet Pubbliċi waqgħu taħt il-portafoll tal-Onor. Zerafa Civelli li taħtha għandha r-responsabbiltà tal-Gvern Lokali u għaldaqstant dan għandu jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-proġett *per se* għax jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

## 28.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

28.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2026 fil-5.30 pm.

28.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2026 fil-5.30 pm.

28.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv